

**DEĊIJONI TA' IMPLEMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/2336****tat-28 ta' Novembru 2022**

dwar il-pubblikazzjoni ta' lista li tindika ċerti valuri ta' emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> għal kull manifattur kif ukoll emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO<sub>2</sub> tal-vetturi tqal ġodda kollha rreġistrati fl-Unjoni skont ir-Regolament (UE) 2019/1242 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għall-perjodu tar-rappor tar-sena 2020

(notifikata bid-dokument C(2022) 8428)

**(It-testi bl-Olandiż, bl-Ingliż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bit-Taljan u bl-Iżvediż biss huma awtentiċi)****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1242 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi standards tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> għall-vetturi tqal ġodda u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 595/2009 u (UE) 2018/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 11(1), l-ewwel subparagraphu, il-punti (a), (b), (d) u (f) tiegħu,

Billi:

- (1) L-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO<sub>2</sub> ta' manifattur jenħtieġ li jkunu ddeterminati abbażi tad-data rrappurtata mill-Istati Membri u mill-manifatturi skont ir-Regolament (UE) 2018/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(2)</sup> għall-vetturi ta' dak il-manifattur.
- (2) Jenħtieġ li l-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO<sub>2</sub> tal-vetturi tqal ġodda kollha rreġistrati fl-Unjoni jkunu bbażati fuq dik id-data rrappurtata għall-vetturi mill-manifatturi kollha.
- (3) Jenħtieġ li l-fattur ta' mingħajr emissjonijiet jew emissjonijiet baxxi jkun iddeterminat għal kull manifattur filwaqt li jitqiesu l-vetturi tqal mingħajr emissjonijiet jew emissjonijiet baxxi, irrapportati b'dan il-mod.
- (4) Jenħtieġ li t-trajettorja tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> u l-krediti tal-emissjonijiet ikunu ddeterminati għal kull manifattur abbażi tan-numru ta' vetturi tqal ġodda minbarra l-vetturi vokazzjonali rrappurtati b'dan il-mod.
- (5) Id-data ppreżentata fl-Anness għal din id-Deċiżjoni hija bbażata fuq id-data disponibbli għall-Kummissjoni fl-1 ta' Awwissu 2022.
- (6) Jista' jkun li l-Kummissjoni jkollha taġġgora d-data pubblika, jekk tirċievi data addizzjonali li tkun taffettwa r-riżultati ta' dawk il-kalkoli,

<sup>(1)</sup> ĠU L 198, 25.7.2019, p. 202.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2018 dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar tal-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> u tal-konsum ta' fjuwil minn vetturi heavy-duty ġodda (ĠU L 173, 9.7.2018, p. 1).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

#### **Emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO<sub>2</sub> għal kull manifattur**

L-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO<sub>2</sub> għal kull manifattur, kif imsemmi fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2019/1242 fil-perjodu ta' rapportar tas-sena 2020, huma indikati fit-tieni kolonna tat-tabella tal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

### *Artikolu 2*

#### **Fattur ta' mingħajr emissjonijiet jew emissjonijiet baxxi għal kull manifattur**

Il-fattur ta' mingħajr emissjonijiet jew emissjonijiet baxxi għal kull manifattur, kif imsemmi fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) 2019/1242, fil-perjodu ta' rapportar tas-sena 2020, huwa indikat fit-tielet kolonna tat-tabella tal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

### *Artikolu 3*

#### **Trajettorja tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> u l-krediti tal-emissjonijiet għal kull manifattur**

It-trajettorja tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> u l-krediti tal-emissjonijiet għal kull manifattur, kif imsemmi fl-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2019/1242, fil-perjodu ta' rapportar tas-sena 2020, huma indikati fir-raba' u l-ħames kolonni rispettivament, tat-tabella tal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

### *Artikolu 4*

#### **L-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO<sub>2</sub> tal-vetturi tqal ġoddha kollha**

L-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO<sub>2</sub> tal-vetturi tqal ġoddha kollha rreġistrati fl-Unjoni fil-perjodu ta' rapportar tas-sena 2020, kif ikkalkulati permezz tal-applikazzjoni tal-formula tal-Anness I, il-punt 2.7, tar-Regolament (UE) 2019/1242 filwaqt li jitqiesu l-vetturi tqal ġoddha tal-manifatturi kollha, huma: 52,46 g/tkm.

### *Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-manifatturi li ġejjin:

- (1) DAIMLER TRUCK AG  
Mercedesstr.120  
70372 Stuttgart  
Il-Ġermanja
- (2) DAF NV  
P.O. box 90065  
5602 PT Eindhoven  
In-Netherlands
- (3) Ford Otomotiv Sanayi AS  
Akpinar Mah. Hasan Basri Cad No 2  
34885 Sancaktepe Istanbul  
It-Turkija

- (4) Iveco Magirus-AG  
Nicolaus-Otto-Straße 27  
89079 Ulm  
Il-Ġermanja
- (5) IVECO SPA  
Via Puglia 35  
10156 Torino  
L-Italja
- (6) MAN TRUCK AND BUS SE  
Dachauer Str 667  
80995 Munich  
Il-Ġermanja
- (7) RENAULT TRUCK SA  
99 Route de Lyon  
69802 Saint Priest  
Franza
- (8) SCANIA CV AB  
Vagnmakarvagen 1  
15187 Södertälje  
L-Iżvezja
- (9) VOLVO TRUCK CORPORATION  
Herkulesgatan 75  
40508 Göteborg  
l-Iżvezja.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Novembru 2022.

*Għall-Kummissjoni*  
Frans TIMMERMANS  
*Viċi President Eżekuttiv*

---

## ANNESS

L-entrati kollha jirreferu għall-perjodu ta' rapportar tas-sena 2020 kif iddefinit fl-Artikolu 3(3) tar-Regolament (UE) 2019/1242.

Manifattur	Emissjonijiet spċifici medji tas-CO <sub>2</sub> , kif imsemmi fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2019/1242, fi g/tkm	Fattur ta' mingħajr emissjonijiet jew emissjonijiet baxxi, kif imsemmi fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) 2019/1242	Trajettorja tat-tnejja qis tal-emissjonijiet tas-CO <sub>2</sub> , kif imsemmi fl-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2019/1242, fi g/tkm	Krediti tal-emissjonijiet, kif imsemmi fl-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2019/1242 fi g/tkm
DAIMLER TRUCK AG	52,65	0,999	51,35	-
DAF NV	55,05	1,000	54,21	-
Iveco Magirus-AG	54,81	1,000	52,01	-
IVECO SPA	33,00	0,998	29,69	-
Ford Otomotiv Sanayi AS	55,09	1,000	51,28	-
MAN TRUCK AND BUS SE	50,79	0,998	50,83	1 011
RENAULT TRUCK SA	50,61	0,998	48,67	-
SCANIA CV AB	50,23	1,000	51,86	49 534
VOLVO TRUCK CORPORATION	53,53	0,999	52,79	-